# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 2**

**Rikors Nru: 9/06 AF**

**Carmel Buttigieg, Joseph Xerri flimkien ma' martu Margaret Xerri Joseph Vella u martu Pawla Vella u l-Avukat Dottor Carmelo Galea flimkien ma' martu Rita Galea**

**v.**

**Direttur tal-Artijiet u Direttur Estates Management u b'digriet tat-13 ta' Gunju 2006 giet kjamata fir-rikors l-Awtorita` Marittima ta' Malta illum imsejha l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed ad istanza tar-rikorrenti, u iehor ad istanza tal-Kummissarju tal-Artijiet, fil-kariga tieghu bhala Direttur tal-Artijiet, u tad-Direttur Estates Management [l-intimati], minn sentenza [is-sentenza appellata] mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha dik il-

Qorti ddecidiet billi: [1] cahdet l-eccezzjoni tal-Awtorità intimata in kwantu hija meqjusa legittima kontradittrici ghat-talbiet tar-rikorrenti; [2] filwaqt li cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, iddikjarat li l-esproprju mertu tal-kawza, sa fejn jolqot il-progett tal-Yacht Marina, nkluzi il-faciltajiet ancillari u t-triq biswit l-istess, sar ghal skop pubbliku; [3] cahdet it-talbiet tar-rikorrenti sa fejn dawn huma bbazati fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; [4] iddikjarat li d-dikjarazzjonjiet presidenzjali maghmula skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici [il-Kap. 88], kif jidhru fil-Gazzetta tal-Gvern fil-hargiet tal-14 ta' Settembru, 1990 u t-12 ta' Awwissu, 2009, in kwantu jolqtu l-proprjetajiet tar-rikorrenti fl-Imgarr, Ghawdex u li ma gewx utilizzati mill-Gvern, jilledu d-dritt tar-rikorrenti kif imhares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] stante li ma jezistix l-interess pubbliku ghat-tehid ta' dik il-proprjetà tar-rikorrenti; [5] konsegwentement iddikjarat l-istess dikjarazzjonijiet in kwantu jolqtu dik il-proprjetà, bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ordnat ir-rilaxx tal-art favur ir-rikorrenti, sa fejn din tirrizulta proprjetà taghhom; [6] iddikjarat li d-dewmien fil-konkluzjoni tal-process ta' esproprju ukoll jilledi d-dritt tar-rikorrenti kif imhares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, stante li ma nzammx dak il-bilanc gust mehtieg, bejn l-interessi tas-socjetà in generali u d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjetà taghhom billi sal-lum ghadu ma giex determinat u

ma thallasx lilhom il-kumpens gust u xieraq tal-art li ttehditilhom u li giet utilizzata fil-progett; [7] illikwidat, bhala kumpens morali dovut lir-rikorrenti minhabba l-ksur tal-jedd fuq imsemmi, u bla hsara ghal kull rimedju iehor li huma jista' jkollhom skont il-ligi, is-somma ta' €25,000; [8] ikkundannat lill-intimati *in solidum* ihallsu lir-rikorrenti, dak l-ammont u, [9] ordnat li l-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal sehem wiehed minn hamsa [$^1/_5$] ghar-rikorrenti u kwantu ghal erbgha minn hamsa [$^4/_5$] ghall-intimati u l-kjamata in kawza bejniethom.

**Is-Sentenza Appellata**

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet, li fihom hemm ukoll espozizzjoni dettaljata tal-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri:

> "Ikkunsidrat illi f'din il-kawza r-rikorrenti jilmentaw illi permezz tal-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li jgib in-numru 597, tal-14 ta' Settembru 1990, ittiehditilhom fi kwoti mhux indaqs bejniethom, estensjoni ta' art tal-kejl ta' madwar 22,015 metru kwadru, fil-limiti t'Ghajnsielem, Ghawdex. Sussegwentement, bis-sahha tal-Avviz 683 tal-1 ta' Settembru, 1998, giet rilaxxata parti mdaqqsa minn din l-art, tal-kejl ta' madwar 11, 109 metru kwadru. Huma jinsistu li lanqas il-kumplament tal-art kolpita bl-esproprju originali ma hija mehtiega ghal skopijiet pubblici peress li fl-art *de quo* sar zvilupp ta' *yacht marina*, li jishqu ma jikkostitwixxix ghan pubbliku. Dan meta huma infurmaw l-awtoritajiet li f'kaz ta' privatizzar tal-*yacht marina,* huma kienu lesti jassumu t-tmexxija taghha, taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Gvern jidhirlu xieraq li jimponi. Fi kwalunkwe kaz, jilmentaw ukoll mid-dewmien esagerat sabiex jigi determinat il-kumpens dovut lilhom u li jithallas lilhom il-kumpens gust u xieraq, dan bi ksur car tad-dritt fondamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom, kif sancit taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem imsejha l-Konvenzjoni). Fl-ahhar tas-sena 2005, ghalkemm ir-rikorrenti nnotifikaw lill-intimati bl-ilmenti taghhom, huma baqghu minghajr risposta u ghalhekk inbdew il-

proceduri odjerni.

“Din l-estensjoni t’art fl-Imgarr, Ghawdex, kellha tigi akkwistata mill-Gvern b’titolu ta’ xiri assolut. Ir-rikorrenti esebew id-diversi kuntratti li permezz taghhom huma akkwistaw rispettivament, id-diversi porzjonijiet t’art, u jindikaw fuq pjanta esebita bhala Dok. “C” a fol. 24 tal-process, kif l-art rispettiva taghhom giet milquta bl-ordni ta’ esproprju. Ghalkemm l-Awtorità kjamata in kawza, fir-risposta taghha, eccepiet li r-rikorrenti iridu jgibu prova li huma s-sidien tal-art *de* quo, l-istess Awtorità irtirat din l-eccezzjoni taghha permezz ta’ nota pprezentata fid-29 ta’ Jannar, 2007, wara li kienu esebiti l-imsemmija kuntratti t’akkwist. L-intimati l-ohra ma ressqu ebda eccezzjoni f’dan is-sens.

“Jirrizulta kontestat bejn il-partijiet id-data ta’ meta l-Gvern dahal fl-istess art, fis-sens li filwaqt li r-rikorrenti jikkontendu li x-xoghol fuq it-triq li taghti ghall-*Marina* nbeda fl-1986, l-Awtorità kjamata in kawza tishaq li hija dahlet fl-art in kwistjoni ghall-ahhar tas-sena 1993, izda r-rapprezentant taghha jikkoncedi li meta twaqqfet l-Awtorità fis-sena 1991, kienu diga tqeghdu l-*pontoons* da parti tal-Gvern, li kien beda l-progett qabel ma twaqqfet l-istess Awtorità. Sussegwentement, ir-rikorrent Carmel Buttigieg, fl-affidavit tieghu jixhed li l-Gvern dahal fl-art mertu tal-kawza f’Ottubru, 1990, wara d-digriet moghti mill-Qorti t’Ghawdex, wara li s-sidien ittantaw li johorgu Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-Gvern (rikors Numru 209/1990). Ghalhekk din il-Qorti ser tqis li l-art effettivament ittiehdet mill-Gvern, fil-bidu t’Ottubru, 1990, wara li harget id-Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-14 ta’ Settembru, 1990.

“Huwa kontestat ukoll min mill-entitatijiet governattivi effettivament ghamel uzu mill-art. Il-Qorti tqis li m’hemm ebda dubju li l-progett in kwistjoni kien wiehed imniedi mill-Gvern, fuqu interveniet l-Awtorità u recentement regghu saru xi xogholijiet ulterjuri mill-Ministeru t’Ghawdex. Huwa ritenut li l-intimati u l-kjamata in kawza, flimkien ghandhom ir-rapprezentanza tal-Istat. Dan qieghed jinghad ukoll in vista tal-fatt li ma ssejjah fil-kawza ebda Dipartiment jew korp guridiku iehor u ghalhekk dawn l-intimati ghandhom jirrispondu ghal dawk it-talbiet tar-rikorrenti li jistghu jirrizultaw fondati fil-proceduri odjerni.

“Inoltre jirrizulta wkoll li l-Awtorità intimata twaqqfet b’ligi li kienet tipprovdi, li kellha fost id-dmirijiet taghha:

> *“(i) li tippromuovi, tizviluppa, ttejjeb u tibdel kull port u kull facilità li jkollu, maghduda t-tindif, l-izbarazzar u t-tfondija ta’ kull port jew qarba tieghu;*
>
> *“(m) li tirregola, tizviluppa, u tippromuovi centri tal-yachting.”*

“Effettivament, l-istess Awtorità permezz ta’ nota pprezentata fid-9 ta’

Frar, 2007, tiddikjara li hija nediet il-progett tal-izvilupp tal-*Marina* tal-Imgarr, fis-sena 1993, meta hija hadet pussess fiziku tal-art *de quo.* Minn qari tal-ligi li llum tirregola lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta), jirrizulta illi l-intenzjoni tal-legislatur kienet li din l-Awtorità l-gdida tassumi l-obbligi u r-responsabiltajiet kollha li kienu precedentement jaqghu fi hdan il-Gvern u l-Awtorità Marittima, ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' xtut, mollijiet, *piers* u toroq fost affarijiet ohra (ara l-artikoli 36 -38 tal-Kap. 499). Ghal dawn ir-ragunijiet mhux ser tintlaqa' l-eccezzjoni preliminari tal-kjamata Awtorità, fejn hija tikkontendi li mhix legittimu kontradittur ghall-ilmenti tar-rikorrenti f'din il-kawza.

"Fil-mori tal-proceduri regghu nhargu zewg dikjarazzjonijiet presidenzjali ohra fuq l-istess art milquta bl-ewwel dikjarazzjoni t'esroprju, din id-darba, fit-12 t'Awwissu, 2009, li permezz taghhom gew indikati mhux biss il-porzjonijiet tal-kejl rispettiv ta' 462 metru kwadru u 10,444 metru kwadru, izda l-prezz li bihom il-Gvern kien qieghed jivvaluta l-istess proprjetà, l-ewwel wahda bil-prezz ta' €7,235.61, filwaqt li l-ohra bil-prezz ta' €163,603.54. Fl-istess zmien tnieda l-process tal-privatizzazzjoni ta' diversi *Marinas* f'Malta, fosthom dik t'Ghawdex, dan wara sejha pubblika ghall-offerti. Minghajr ma tidhol fil-kwistjoni ta' kompetenza taghhom f'dan il-qasam, jigi osservat li r-rikorrenti ma ppartecipawx f'din is-sejha ghall-offerti, u ghalhekk huwa meqjus li ma baqghux juru l-interess taghhom f'dan is-sens. Dan wassal sabiex fis-26 ta' Mejju, 2010, gie ffirmat ftehim ta' koncessjoni bejn l-Awtorità, issa msejha l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u socjetà privata msejha Harbour Management Limited ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena. L-istess ftehim jipprovdi ghall-operat, maniggjar, zamma u twettiq ta' xoghlijiet fuq l-art *de quo,* b'dan illi jigi puntwalizzat fl-istess ftehim, li l-Awtorità ma kienet qeghda taghti ebda titolu, drittijiet reali jew personali fuq l-istess art.

"Ir-rikorrenti permezz tan-nota taghhom tal-20 ta' Dicembru, 2010, jilmentaw li l-operatur tal-*Marina* inkarigat mill-Awtorità, kien qieghed jikkapparra art li ma kienitx milquta bl-ordni ta' esproprju u li kien qieghed minbarra l-access ghal *public convenience* li kien disponibbli ghall-pubbliku u li minflok xi ufficini tal-Awtorità kienu issa gew konvertiti f'*toilets* u *showers* li l-access ghalihom kien ristrett ghal min kien jaghmel uzu mill-*Marina* u mhux ghall-pubbliku in generali. Dan gie kontradett mill-ufficjal rapprezentant tal-Awtorità, li sahaq li minkejja t-tabella, dawn it-toilets jibqghu miftuhin anke ghall-pubbliku, filwaqt li l-*public convenience* mbarrata kienet tal-Gvern u qatt ma kienet operata mill-istess Awtorità.

"Permezz tal-affidavit tieghu tal-10 ta' Novembru, 2011, ir-rikorrent Carmel Buttigieg jghid li sa mill-bidu, kienu jafu li l-esproprjazzjoni kienet ser issir bl-iskop li tigi zviluppata f'*Marina*. Huwa jilmenta fost affarijiet ohra, li apparti li ma rcevew ebda kumpens, sa dik il-gurnata, ma kienu ghadhom ircevew ebda notifika sabiex is-sidien

ikunu jistghu jikkontestaw il-prezz, fil-fehma tieghu baxx, li bih giet ivvalutata l-art taghhom, filwaqt li haddiehor qieghed jaghmel uzu mill-art taghhom bi qliegh. Jishaq li ladarba l-*Marina* t'Ghawdex giet privatizzata, l-iskop pubbliku kien ghalih spicca. Minkejja d-dikjarazzjoini Presidenzjali t'Awwissu 2009, dan ix-xhud jinsisti li l-Gvern kien qieghed jokkupa aktar art milli effettivament kien esproprjat bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali.

"Ir-rikorrenti ntavolaw Mandat t'Inibizzjoni ulterjuri (36/2011) sabiex izommu lill-awtoritajiet milli jokkupaw aktar art milli effettivament kienet esproprjata. Dan wassal ghall-hrug ta' l-Avviz Numru 825 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Settembru, 2011, (esebit a fol. 319 tal-process). B'hekk gew esproprjati zewg porzjonijiet ohra t'art, wahda b'kejl ta' 1119-il metru kwadru stmata bil-prezz ta' €20,000 u ohra ta' 19-il metru kwadru, stmata €355, liema art r-rikorrent Buttigieg jikkontendi li kienet f'idejn l-awtoritajiet pubblici sa mill-1993. Irrizulta wkoll li l-Ministeru t'Ghawdex kellu applikazzjoni pendenti quddiem l-Awtorità ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar, sabiex ikompli jsir zvilupp tal-*Marina*, liema zvilupp kien ser jillimita jew sahansitra f'certu postijiet icahhad lir-rikorrenti mill-access dirett ghal fuq it-triq.

"Xehdu zewg periti impjegati mal-Ministeru t'Ghawdex li da parti taghhom ikkonfermaw l-estent tax-xogholijiet li kienu qeghdin jigu mwettqa mill-Ministeru taghhom li ma kenux kollha koperti bl-esproprju li kien sar qabel. Dan wassal ghall-esproprjazzjoni addizzjonali li sar fis-sena 2011. Ikkonfermaw ukoll li parti mill-art esproprjata hija *buffer zone* u li kienet mehtiega minhabba li s-sit huwa wiehed tafli, ma jirriskontrawx problemi fil-kostruzzjoni. Rigward l-access ghall-partijiet rimanenti tar-rikorrenti li mhumiex esproprjati, il-perit Godwin Sultana jixhed li access mill-parti t'isfel kien hemm u li kienu ghad iridu jsibu soluzzjoni ghall-parti tal-art tan-naha ta' fuq.

"Wara din ix-xhieda gie mahtur mill-Qorti l-perit Godwin Abela sabiex jivverifika fejn kienet l-art tar-rikorrenti u fejn u kif dik l-istess art tar-rikorrenti kienet effetwata mill-progett tal-*Yacht Marina* fl-Imgarr, Ghawdex; kif ukoll dwar jekk ir-rikorrenti kienu qeghdin jigu michuda mill-access ghall-art taghhom b'rizultat tal-progett in kwistjoni. Mill-konkluzjonijiet milhuqa mill-perit tekniku tal-Qorti jirrizulta illi: (i) parti mill-art proprjetà tar-rikorrenti giet inkorporata fl-izvilupp maghmul mill-intimati u kjamata in kawza; (ii) il-kejl superficjali ta' art proprjetà tar-rikorrenti li kienet inkorporata fil-progett kienet hekk: kwantu ghal 3072 metru kwadru ttiehdu mill-art tar-rikorrent Joseph Vella, 1699 metru kwadru ittiehdu mill-art tar-rikorrent Carmel Buttigieg u 231 metru kwadru ttiehdu mill-art tar-rikorrent Dr. Carmelo Galea; (iii) il-perit imqabbad mill-Qorti wera l-fehma wkoll li bl-izvilupp maghmul mill-intimati u l-kjamati in kawza, ir-rikorrenti m'ghandhomx access ghall-art taghhom li tinsab fuq il-konfini tat-tramuntana tal-progett in kwistjoni.

"Il-Qorti tinnota li meta mistoqsi dwar il-75 metru kwadru indikati fuq il-pjanta "C" u jekk dawn kenux inkluzi fl-esproprjazzjoni li saret permezz tal-Avviz 825, datata 2 ta' Settembru 2011, il-Perit in eskussjoni jixhed hekk "*L-esponent ma vverifikax x'kien gie esproprjat allura seta jkun illi l-art tal-kejl ta' 75 metri kwadri hija wkoll koperta bl-esproprju*." Filwaqt li mistoqsi dwar jekk l-art ta' 53 metru kwadru indikati fuq l-istess pjanta, hix art reklamata, l-istess perit jammetti li l-istess arja tinsab fuq art reklamata. Fl-eskussjoni *viva voce* tal-perit tekniku li saret quddiem il-Qorti, diversament preseduta, huwa jinsisti li l-kejl indikat minnu jinkludi il-progett kollu, inkluz it-toroq, ufficini u kull ma sar in konnessjoni mal-progett, izda huwa m'ghamilx distinzjoni bejn dak li twettaq mill-Ministeru t'Ghawdex u dak li ghamlet l-Awtorità Marittima, peress li dan ma kienx jaqa' fl-inkarigu tieghu.

"Rigward l-inkarigu tal-perit tekniku tal-Qorti, r-rikorrenti fin-nota taghhom jilmentaw mill-konkluzjoni tal-perit tekniku, fis-sens li l-art esproprjata fiha l-kejl ta' 5002 metru kawdru, hija manifestament inkorretta. Fl-ewwel lok jigi osservat li r-rikorrenti m'ghamlux talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali. Madankollu meta l-Qorti tqis il-provi fl-atti u r-risposta tal-perit tekniku ghall-mistoqsijiet tal-Kummissarju intimat, meta jghid li ma vverifikax x'kien gie esproprjat, hija qeghda tifhem li ghalkemm l-istess Kummissarju tal-Artijiet jindika li l-art esproprjata minnu fiha total ta' 12,044 metru kwadru, (zewg porzjonijiet ta' 462 metru kwadru u 10,444 metru kwadru rispettivament esproprjati fl-2009, maghduda maz-zewg porzjonijiet t'art esproprjati fl-2011, tal-kejl ta' 1119-il metru kwadru u ta' 19-il metru kwadru, rispettivament), il-perit tekniku kkonstata li l-Gvern effettivament ghamel uzu mill-art tar-rikorrenti limitatament ghal 5233 metru kwadru (kwantu ghal 3072 metru kwadru mill-art ta' Joseph Vella, 1699 metru mill-art ta' Carmel Buttigieg u 231 metru kwadru mill-art ta' Dr. Carmelo Galea).

"Permezz tal-affidavit tieghu l-Kummissarju tal-Artijiet, filwaqt li jirreferi ghall-erba' porzjonijiet art li gew esproprjati bejn is-sena 1990 u 2011, jghid li d-Dipartiment talab li jinghata parir legali da parti tas-sidien dwar it-titolu u l-provenjenza fuq l-istess art. Sadanittant l-kumpens tal-istess artijiet, hekk kif stmat mid-Dipartiment tal-Artijiet gie depozitat f'kont Bankarju sakemm isir il-hlas. Il-Kummissarju jikkontendi li ma setax jipprocedi sabiex joffri l-kumpens lis-sidien, peress li l-parir li nghata d-Dipartiment, ma kienx meqjus sufficjenti stante li ma kienx hemm indikat l-estent tal-art li tappartjeni lil kull sid. Fl-ahhar jinghad minnu illi huwa jesproprja art biss wara li ssirlu talba minn xi entità governattiva, li tkun ser twettaq il-progett, ghalhekk bhala Kummissarju ma jidholx fil-mertu tal-interess pubbliku jew liema art ser tigi esproprjata.

"Xehed ukoll permezz t'affidavit il-perit Stefan Scotto li jghid li wara li acceda fuq il-post ha numru ta' ritratti, u rrizultalu li kien hemm numru ta' passaggi li jaghtu ghal fuq l-art tar-rikorrenti, li ghalhekk

ghandhom access mit-triq pubblika, kif jirrizulta mill-istess ritratti.

"In kwantu l-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas t'access ghall-art taghhom, li tqajjem fil-mori tal-proceduri odjerni, ghandu jinghad, li din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi dak li l-partijiet talbu, bil-parametri tal-kawza hekk kif kontenuti fit-talbiet tar-rikors promotur, fil-kuntest tal-eccezzjonijiet fir-risposti tal-intimat u kjamata in kawza. Ladarba il-vertenza dwar l-access ma gietx sollevata bhala parti mill-parti mill-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti, dan l-ilment ser jibqa' impregudikat.

"Din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma msejsa fuq zewg binarji principali, dak dwar in-nuqqas ta' skop pubbliku fl-esproprju mwettaq mill-intimati u dak dwar id-dewmien esagerat sabiex jitkomplew u li jigu konkluzi il-proceduri t'esproprjazzjoni, kif ukoll li r-rikorrenti jigu kkumpensati adekwatament, li jwassal ghal lezjoni tad-drittijiet taghhom kif protetti taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

"Dwar il-htiega ta' skop pubbliku il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi hekk:

> *"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju,* ***hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist****…"*

"L-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta), jaghti l-fakoltà lill-President ta' Malta li jiddikjara li art hija mehtiega ghal "*skop pubbliku*", kliem li jinghata tifsira pjuttost wiesgha fl-istess ligi.

"Filwaqt li l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi li:

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief* ***fl-interess pubbliku*** *u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali."*

"F'dan il-kuntest, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tas-27 ta' Jannar, 2009 fl-ismijiet Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet et, li fuq dan l-aspett kienet ikkonfermata wkoll permezz tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta' Frar, 2012. Fis-sentenza tal-Prim'Awla hemm rassenja gurisprudenzjali estensiva proprju fuq din il-materja, fejn jinghad ukoll:

> "*Dwar il-kwistjoni jekk esproprijazzjoni tkun saret fl-interess pubbliku,*

*il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem elaborat il-veduti taghha fuq il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-interess privat fil-kazijiet Lithgow and Others vs U.K. (1987) and James and Others vs U.K. (1986). Il-Qorti qalet: "The notion of "public interest is necessarily extensive.......The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislative's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment will be manifestly without reasonable foundation…*

*"A taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken." Ghalhekk il-Qorti sejra tissintetizza l-pozizzjoni dwar l-aspett ta' interess pubbliku hekk: Biex it-tehid ta' proprjeta` privata jkun lecitu jrid ikun fl-interess pubbliku u mhux ghal skop pubbliku. Ma jiddipendix jekk l-oggett huwiex ta' interess pubbliku, izda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jakkwista dik il-proprjetà. Irid ikun hemm interess ghall-generalità tac-cittadini, ta' l-universalità tal-pubbliku fl-istat. Il-harsien tal-proprjetà privata hija wkoll fl-interess pubbliku. Wiehed irid izomm il-"fair balance … between the demand of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights" – dik li riedet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza ta' Sporrong and Lonnroth vs Sweden (A 52, para 69 (1982)). [Dwar id-distinzjoni bejn skop pubbliku u interess pubbliku ara wkoll Mousu' vs Direttur Lottu Pubbliku Pg. 271 u 272]. Irid jigi accertat li d-decizjoni mehuda tkun verament ittiehdet fl-interess pubbliku minghajr l-ezercizzju ta' l-arbitrarjetà manifesta u fir-rispett tad-dritt fundamentali sancit bl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*"L-ewwel artikolu jittutela mhux biss l-esproprjazzjoni, izda anke cirkostanzi tali li jammontaw ghal esproprjazzjoni de facto (Sporrong vs Lonnroth) kif ukoll fil-kazijiet ta' Fredin u ta' Hentrich u ta' Holy Monasteries, Spadea and Scalabrino (control of the use of property).*

*"Ghalkemm il-privazzjoni tal-proprjetà privata tista' ssir ghall-utilità pubblika dan ghandu dejjem ikun interpretat ristrettivament. Ghandu jigi evitat li l-individwu jigi assoggettat ghall-privazzjonijiet arbitrarji tal-proprjeta` tieghu (James Cavendish).*

*"Il-proprjetà privata ghandha tigi rispettata u l-privazzjoni tal-proprjetà ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti ghalkemm l-Istat ghandu d-dritt li jirregola l-uzu tal-bini in konformità ma' l-interess generali. Hemm bzonn li jkun hemm ekwilibrju realistiku bejn id-drittijiet tal-proprjetarju u l-ezigenzi tal-kollettività u m'ghandiex il-persuna esproprjata tissubixxi sagrificcju partikolari u esorbitanti (Hakansson & Sturesson). It-tehid ta' proprjetà minghajr pagament ragjonevoli normalment jikkostitwixxi "disproportionate interference" ghalkemm l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll ma jiggarantix id-dritt ghal kompersazzjoni shiha jew skont is-suq (9/12/94 Holy Monasteries). Dejjem irid ikun hemm "a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued" (5/5/95 – Air Canada).*

*"Ukoll a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest". Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "***The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken***". (enfasi ta' din il-Qorti.)*

*"L-interess pubbliku irid ikun gie identifikat b'mod konkret (Pawlu Cachia). Id-dritt ta' l-Istat ghall-esproprjazzjoni ghandu jigi ezercitat biss sakemm u sa fejn hu necessarju (Pawlu Cachia). Irid ikun hemm progett konkret "Mhux eskluz li proprjetà tigi esproprjata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilità partikolari fil-kuntest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok per ezempju ghal espansjoni futura ta' l-istess progett" (Pawlu Cachia pg. 34) basta li din ma tkunx fuq mera ipotesi izda tirrizulta posittivament lill-Qorti.*

*"L-emissjoni tad-dikjarazzjoni tal-President u proceduri konnessi huwa biss l-ewwel stadju fil-process ta' esproprjazzjoni. Dan il-process jintemm meta jsir il-kuntratt ta' trasferiment (Pawlu Cachia Pg. 37) u ghalhekk l-interess simboliku ghandu jibqa' jissussisti sa tali data tal-kuntratt minhabba li l-persuna li tkun ser tittehdilha l-art li tkun ghada l-proprjetarja sal-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Id-dikjarazzjoni tal-President tkun certament legali (mhux nulla) jekk ma jibqax jezisti l-interess pubbliku izda meta jispicca dak l-interess ma tibqax aktar legittima."*

"Hekk ukoll, kif ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta tas-7 ta' Frar, 2012, fl-ismijiet Joseph Camilleri et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et:

*"Illi huwa llum aċċettat li t-tifsira ta' "skop pubbliku" li wieħed isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'xi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettività b'kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku[1], jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku[2]. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li post jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b'daqshekk li l-għan maħsub m'huwiex wieħed pubbliku jew li m'huwiex fl-interess pubbliku[3]. Wieħed*

[1] Kost. 30.5.2003 fil-kawża fl-ismijiet Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u lArtijiet et (Kollez. Vol: LXXXVII.i.132)
[2] P.A. Kost. 25.7.1996 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Borġ et vs Onor. Prim Ministru et (mhix pubblikata, imma konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15.10.2008)
[3] Kost. 27.3.2003 fil-kawża fl-ismijiet Vella pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et Kollez. Vol: LXXXVII.i.57)

> *mistenni wkoll jagħraf bejn l-implikazzjonijiet tal-kunċett tal-għan pubbliku minn dawk marbuta mal-kunċett ta' interess pubbliku[4];"*

"Din il-Qorti filwaqt li taghmel dawn l-insenjamenti taghha wkoll, hija tal-fehma li f'dan il-kaz l-esproprjazzjoni originali ghal *Marina* bil-faciltajiet kollha relativi maghha, inluz it-triq li twassal ghaliha, kienet saret ghal skop pubbliku. Fi kliem l-istess rikorrenti huma kienu dejjem jafu li kien ser jitwettaq il-progett ta' Marina fil-port tal-Imgarr. Minn ezami ta' kif zviluppa l-progett, ma jirrizultax li l-progett tal-*Marina* u t-titjib fl-infrastruttura fil-madwar qatt gie abbandunat. Jigifieri l-esproprjazzjoni ta' dik il-parti mill-art li ntuzat ghall-progett zgur li saret ghal progett konkret.

"Meta twaqqfet l-Awtorità intimata, hija kellha skont il-ligi li kienet tirregolaha dak iz-zmien, (Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta), numru ta' mansjonijiet li jinkludi fosthom l-izvilupp tal-portijiet u tal-facilitajiet portwali, kif ukol ta' *Marinas (*kif illum imfissra fl-artikoli 6 u 8 tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan ma jistax hlief ifisser li dawn il-funzjonijiet huma fl-interess pubbliku peress li d-dmirijiet tal-kjamata in kawza jirrizultaw mill-istess ligi li originarjament waqqfitha u l-ligi li llum tirregolaha.

"Dana l-interess baqa' jissusisti zgur fuq dik il-parti mill-art utilizzata fil-progett, anke wara li saret l-ahhar esproprjazzjoni, peress li l-istess rikorrent isostni li dan sar biex ikopri dawk il-porzjonijiet t'art li kienu effettivament okkupati mill-Gvern, izda ma kenux koperti bl-ewwel jew it-tieni Dikjarazzjoni Presidenzjali.

"Ir-rikorrenti jenfasizzaw il-fatt li sakemm il-*Marina* kienet amministrata mill-Awtorità Marittima, kien jissussisti l-interess pubbliku, li madankollu jishqu li spicca hekk kif saret il-koncessjoni lil kumpanija privata. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma din it-tezi, peress li ghalkemm originarjament kienet l-Awtorità li tiggestixxi l-istess *Marina*, maz-zmien ir-rwol taghha inbidel f'wiehed regolatorju u kkoncediet li certu xogholijiet isiru minn socjetà privata u dan kontra hlas. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tarax li hemm ic-cirkostanzi mehtiega li juru li t-tehid tal-art li ntuzat ghal *Marina* ma kienx fl-interess pubbliku.

"Mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' dik l-art li ma ntuzatx ghall-progett. Hawnhekk il-Qorti qeghda tirreferi ghad-diskrepanza bejn l-estent t'art esproprjata mill-Gvern u l-art li tappartjeni lir-rikorrenti u dik li effettivament intuzat ghall-progett. Minn ezami tal-pjanta esebita mill-Kummissarju tal-Artijiet bhala Dok JB 6 a fol. 392 tal-process, jirrizulta li fl-2009 l-Gvern esproprja art li tmur lil hinn sew mill-*breakwater* li hemm indikat biswit l-art esproprjata. Mentri jekk

[4] Ara, per eżempju, Kost 10.11.1993 fil-kawża fl-ismijiet Grech vs Il-Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXVII.i.139), App. Ċiv. 30.12.1993 fil-kawża fl-ismijiet Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et

wiehed jara l-pjanta redatta mill-perit tekniku mahtur mill-Qorti, a fol. 364 tal-process jirrizulta li l-progett wasal sewwa sew biswit il-breakwater. L-estent tal-progett kif imfassal mill-perit tekniku fuq il-pjanta tieghu, hu korroborat ukoll mir-ritratt tal-progett li ttiehed mill-ajru fl-2014 u gie esebit mill-istess Kummissarju intimat bhala Dok SS1 a fol. 398 tal-process, li ukoll jindika li l-progett wasal sa biswit il-*breakwater.* Issa jekk wiehed jara l-pjanta tal-perit tekniku a fol. 365 tal-process, wiehed jista' jara li dik l-art indikata bhala porzjoni numru 5, kif traccata bil-kulur celesti, tappartjeni lir-rikorrenti kif jirrizulta wkoll mill-pjanta esebita mir-rikorrenti, bhala Dok. C a fol.24 tal-process, li tasal lil hinn mill-*breakwater,* li kif inghad hija wkoll milquta bl-ordni t'esproprju. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, m'hemmx dubju li l-Gvern esproprja art li tappartjeni lir-rikorrent Buttigieg u li ma gietx utilizzata fil-progett imwettaq mill-awtoritajiet Governattivi.

"Meqjus it-trapass ta' zmien minn meta saret l-ewwel dikjarazzjoni Presidenzjali fis-sena 1990 u li sal-lum sitta u ghoxrin sena wara, l-Gvern m'approprjax u m'ghamilx uzu shih mill-art esproprjata minnu, jirrizulta piz mhux xieraq fuq ir-rikorrenti, li l-intimati bl-ebda mod ma ttantaw jispjegaw (hlief ghal xi parti mill-art li l-perit tal-Gvern iddeskriva bhala *buffer)*. Lanqas ma gie muri li l-intimati ghandhom xi pjan imminenti li jkomplu jizviluppaw dik l-art esproprjata minnhom u li sal-lum ghadha mhix zviluppata u ghalhekk ma jirrizultax il-htiega attwali jew utilità pubblika li l-Gvern jibqa' jzomm dik l-art.

"Kif intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-28 ta' Dicembru, 2001, fl-ismijiet Pawlu Cachia v. Avukat Generali:

> *"…din l-utilita` publika trid tirrizulta posittivament lill-Qorti. Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-iStat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg. Isir hawn rikjam ghal principji generali enuncjati aktar 'il fuq fejn gie sottolinejat illi kien l-Istat li kellu jaghmel il-prova, mhux biss illi kien hemm konkretament il-htiega ta' l-uzu tal-proprjeta` fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, imma wkoll li dak il-bzonn jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f'idejn l-Istat bit-temm tal-proceduri ta' esproprijazzjoni.*
>
> *"… F'tali kontest hu sewwa li jigi rilevat ukoll illi l-Istat ghandu ghad-disposizzjoni tieghu strumenti legislattivi qawwija li bihom jista' jikkontrolla l-uzu u l-izvilupp ta' proprjeta`. Bizzejjed wiehed jaghmel riferenza ghall-funzjonijiet ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li pratikament tikkontrolla kull xorta ta' zvilupp jew uzu ta' proprjetà. Dan ifisser li l-Istat ghandu ghad-disposizzjoni tieghu mezzi aktar minn adegwati biex jipprotegi l-interess pubbliku u jassigura li jkollu ghad-disposizzjonijiet tieghu kull proprjetà li kien jehtieg ghall-gid komuni jekk u meta jinqala' l-bzonn. Dan kellu jwassal ghall-konkluzzjoni li l-poter ta' l-esproprju kellu jigi uzat biss meta kien jirrizulta mehtieg bl-inqas diskapitu ghall-jeddijiet proprjetarji ta' l-individwu u b'mod illi t-tehid jew l-interferenza ghad-dgawdija pacifika ta' tali proprjeta` tkun*

*akkompanjata mill-hlas tempestiv ta' kumpens xieraq."*

"F'dan il-kaz din il-Qorti taqbel mal-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sens li ladarba l-interess pubbliku ghandu jibqa' jissussisti sakemm jigi ppubblikat il-kuntratt ta' trasferiment tal-art bejn is-sidien u l-Gvern, jekk l-interess pubbliku ghal xi raguni ma jibqax jezisti u l-Gvern jibqa' jzomm dik l-art f'idejh bla raguni valida, hekk ikun qieghed jikser id-dritt fondamentali tal-individwu ghat-tgawdija ta' hwejjgu tieghu – ksur li jirrizulta wkoll f'din il-kawza.

"B'dan illi mhux qieghed jinghad li d-Dikjarazzjonijiet Presidenzjali tal-1990 u 2009 huma nulli, izda safejn jolqtu dik l-art li baqghet ma gietx utilizzata ghall-progett, ghandhom jitqiesu bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'sehh mil-lum, in kwantu gie stabbilit li l-iskop pubbliku li ghalihom gew mahruga u li kien jiggustifikahom ma kienx ghadu jezisiti. (Ara f'dan is-sens ukoll sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta' Dicembru, 2003, fl-ismijiet Allied Newspapers Limited v. Avukat Generali et).

"Inoltrè, riferibilment ghall-ahhar ordni t'esproprju li saret fl-2011, issir referenza ghall-artikolu 6 (2) tal-Kapitolu 88 li permezz tal-emendi li dahlu fis-sehh fl-ahhar tas-sena 2009, kull persuna li ghandha interess f'art milquta b'ordni t'esproprju, tista' tikkontesta l-iskop pubbliku fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mill-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet. Ma jirrizultax illi r-rikorrenti kkontestaw l-iskop pubbliku tal-ordni t'esproprju li saret fl-2011 u ghalhekk ma jirrizultax li ghandhom jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti rigward in-nuqqas ta' skop pubbliku, fir-rigward ta' dik id-Dikjarazzjoni Presidenzjali, li saret ukoll wara li l-istess rikorrenti gibdu l-attenzjoni tal-Gvern li kien okkupa partijiet mill-art taghhom, minghajr id-debita Dikjarazzjoni Presidenzjali.

"Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll b'lezjoni ta' Dritt ta' Proprjetà taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti rigward it-tehid ta' proprjetà taghhom u d-dewmien esagerat sabiex dawn il-proceduri t'esproprju jintemmu billi jinghataw il-kumpens misthoqq lilhom taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru, 2011, fl-ismijiet Peter Azzopardi noe. v. Kummissarju tal-Artijiet et:

"*Din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent appellat ma setax javvanza pretensjonijiet kostituzzjonali a bażi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-esproprjazzjoni saret bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 li ilu fis-seħħ minn ħafna snin qabel it-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk it-tħaddim ta' dik il-ligi huwa mħares bl-Artikolu 47(9) milli jikser l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni. Kif ġie spjegat fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet L-Avukat Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et, tal-10 ta' Lulju 2009 in vista tal-Artikolu*

*47(9) tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufiħ qabel it-3 ta' Marzu 1962 ma tistax titqies li tippekka kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u l-istess jingħad għal xi liġi li temenda jew tissostitwixxi xi liġi magħmula f'dik id-data jew wara purchè li tali liġi ma tkunx tagħmel xi waħda mill-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Il-Qorti kompliet tgħid hekk:*

*"Għalhekk il-paragrafi (a) sa (d) huma rilevanti biss fil-kuntest ta' xi liġi li temenda jew li tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ma hemmx dubju li l-Kap. 88 ġie emendat wara din id-data, iżda r-rikorrenti f'ebda ħin ma ndikaw xi emenda li b'xi mod taqa' taħt xi wieħed mill-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Għalhekk l-unika konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha hija li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 88 li taħtu saret l-ordni tal-esproprjazzjoni de quo huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni."*

"Filwaqt li din il-Qorti taghmel taghha dan l-insenjament, u tqis li t-tehid ta' proprjetà tar-rikorrenti, sar ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma jistax jitqies li saru bi ksur tal-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni, peress li kif inghad dan jinsab protett taht l-artikolu 47 (9) tal-istess Kostituzzjoni.

"Dwar l-ilment ta' lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Qorti tqis li meta l-Gvern jiehu proprjetà tal-privat ghal skop pubbliku, ghandu jinholoq bilanc bejn l-interessi generali tal-Istat u l-interessi tal-individwu u dan billi l-individwu jithallas kumpens xieraq u adegwat. Wara kollox il-fatt li jirrizulta li esproprju sar fl-interess pubbliku, ma jezonerax lill-Kummissarju intimat mill-obbligu li jagixxi b'diligenza u li jaqdi l-obbligi tieghu fi zmien ragonevoli li jwasslu ghall-hlas ta' kumpens dovut lir-rikorrenti. (Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 t'Ottubru, 2014, fl-ismijiet Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et)

"Fil-mertu tal-kaz in ezami, mhux kontestat li l-ewwel proceduri t'esproprjazzjoni nbdew fis-sena 1990 u l-Gvern dahal fl-istess art, ghall-habta t'Ottubru tal-istess sena. Sal-lum, sitta u ghoxrin sena wara, ir-rikorrenti ghadhom ma gewx kompensati. Din il-Qorti ssib li r-ragunijiet li l-intimati jressqu, ma rnexxilhomx jiggustifikaw id-dewmien esagerat bl-ebda mod. Dan zgur li jmur kontra l-principju tal-proporzjonalità li ghandu jigi mhares meta tittiehed art privata b'mod forzuz, sabiex ma jkunx leziv tad-drittijet ta' proprjetà tal-individwi li jisfaw mcahhda mill-art taghhom.

Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-19 ta' Gunju 2006 fil-kawza Hutten-Czapska v. Poland kienu enuncjati tlett elementi li huma mehtiega sabiex titqies permissibbli l-interferenza tal-Istat fid-dritt ta' proprjetà kif sancit fil-Konvenzjoni:- i) li l-mizura li jiehu l-Istat saret f'qafas legali; ii) li l-iskop tal-mizura kien, kif inghad qabel, in parti, ghal skop legittimu u iii) li din l-mizura zammet bilanc

gust u proporzjonat bejn l-iskop socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

“Mill-provi jirrizulta ampjament ippruvat li l-intimati ma mxewx bil-ghaqal mistenni minnhom biex jaraw li dan il-process t’esproprju jigi konkluz fi zmien qasir u ragonevoli. Ghalkemm jista’ jinghad li l-art li ittiehdet mill-Gvern kien a bazi ta’ qafas legali (Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta) u bi skop legittimu (sabiex issir *Marina* u xogholijiet ohra ancillari ta’ natura infrastrutturali, bhat triq biswit l-istess *Marina*), certament jonqos l-element ta’ proporzjonalità kif jirrizulta mehtieg taht l-artikolu Konvenzjonali in ezami.

“Kif ritenut recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-27 ta’ Mejju, 2016, fl-ismijiet Aldo Meli et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et:

> “*Filwaqt li din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap. 88 illi jaghti l-fakolta’ lill-President ta’ Malta li jiddikjara illi art hija mehtiega ghal skop pubbliku, tosserva wkoll illi meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess sabiex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta’ likwidazzjoni ta’ kumpens dovut anke bit-twaqqif ta’ tribunal kwazi gudizzjarju b’kompetenza teknika in materja. L-iskop tal-legislatur zgur li ma kienx illi l-Gvern ikun jista’ jiehu l-pussess immedjat ta’ bicca art tal-privat, jutilizzaha ghal ghexieren ta’ snin u xi darba jhallas kumpens. [vide in subjecta materja Q. Kos. Pawlu Cachia v. Avukat Generali 28 ta’ Dicembru 2001].*
>
> *…32. Barra minnhekk din il-Qorti tosserva li jispetta lill-Awtorita` pubblika, f’dan il-kaz il-Kummissarju tal-Artijiet, l-obbligu illi, wara li jiehu pussess ta’ art, jipprocedi fi zmien ragjonevoli bil-procedura tal-espropriju u bil-konsegwenti hlas tal-kumpens. Dan il-hsieb huwa in linea ma’ dak enuncjat mill-Qorti Ewropea fil-kawza Victoria Vassallo v. Malta*[5] *deciza fil-11 ta’ Ottubru 2001:*
>
> *“...owners could not be expected to incur the expense and burden of instituting proceedings to ensure the authorities’ fulfilment of their legal obligations [see, mutatis mutandis, Apostol v Georgia, no.40765/02 para.64-65 ECHR 2006-XI in relation to enforcement proceedings]. Moreover, the mere fact that the Government would have been forced by means of a court decision to initiate proceedings, would not guarantee that those proceedings would thereafter be pursued with due diligence.”*

“Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-intimati li r-rikorrenti jahtu ghad-dewmien peress li naqsu milli jipproducu dokumenti in sostenn tal-estent tal-artijiet li fuqhom jippretendu li ghandhom titolu, din il-Qorti tirribadixxi li hu dmir tal-Kummissarju li jiehu hu dawk il-proceduri opportuni biex jassigura li l-kaz jimxi bid-debita celerita`. Fil-fatt, kif

[5] *Applik. Nru. 57862/09, para 56*

osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Frendo Randon et v Kummissarju tal-Art et, deciza fl-4 ta' Frar 2000:

> *"... ... jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabbilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. Inoltre jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f'kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci, l-artikolu 10 jiddisponi li 'il-procediment taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*."

"Ghalkemm id-dewmien da parti tar-rikorrenti (bejn meta nbeda l-process t'esproprju fl-1999 u meta nbdew il-proceduri odjerni fl-2006) ghandu jinghata qies, fil-komputazzjoni tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghal-lezjoni sofferta minnhom, dan ma jnaqqas xejn mill-obbligu tal-Kummissarju li jimxi bid-diligenza u speditezza li trid il-ligi.

"Ghalhekk fil-kaz in ezami, l-Qorti tirriskontra zewg nuqqasijiet principali fl-agir tal-intimati (i) il-process t'esproprju kellu jinghalaq mill-Kummisarju intimat fi zmien ragonevoli sabiex jintlahaq il-bilanc mehtieg bejn l-interessi tas-socjetà u d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjetà taghhom. L-agir tal-Kummissarju intimat certament ma lahaqx il-bilanc mehtieg meta wiehed jikkunsidra z-zmien esagerat bejn meta ttiehdet il-proprjetà u li effettivament ghad irid jigi determinat il-kumpens li ghandhom jithallsu r-rikorrenti; u (ii) jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom sehem minn dik il-porzjon t'art li l-Gvern esproprja u ghad ma ghamel ebda uzu minnha minkejja t-trapass twil ta' zmien, li wkoll inaqqas milli jigi miksub bilanc gust bejn il-htigijiet tal-interess generali tal-komunità u t-tfixkil tat-tgawdija pacifika da parti tar-rikorrenti, tal-artijiet taghhom milquta bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali.

"F'dan l-isfond din il-Qorti tqis li bl-agir tal-intimati sehh ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Fic-cirkostanzi jidher li jkun xieraq mhux biss li jigi likwidat kumpens favur ir-rikorrenti izda li jigi dikjarat ukoll li dawk id-Dikjarazzjonijiet Presidenzjali li jolqtu dawk il-porzjonijiet t' art tar-rikorrenti bl-ordni tal-esproprju u li sal-lum il-gurnata ma sar ebda uzu minnhom mill-awtoritajiet Governattivi, huma bla effett u ghalhekk ghandhom jigu rilaxxati.

"Jigi enfasizzat li permezz tal-proceduri prezenti mhux qieghed jigi determinat il-kumpens ghall-esproprju, dan ghad irid jigi determinat mill-Bord kompetenti, izda irid jigi determinat kumpens ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti meta dawn gew imcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom ghal zmien twil minghajr ebda kumpens. F'dan il-kuntest, sabiex jigi determinat il-kumpens li ser

> jigi likwidat mill-Qorti, irid jinghata konsiderazzjoni ta' diversi fatturi fosthom, l-estent jew qies t'art affetwata bl-esproprju, it-trapass taz-zmien bejn meta ttiehdet l-art u l-fatt li sal-lum il-gurnata, ir-rikorrenti ghadhom ma nghatawx kumpens xieraq, it-telf tat-tgawdija tal-art *de quo*, kif ukoll ir-raguni li ghaliha ttiehdet l-istess art. Kunsidrat dak kollu li jidrilha rilevanti fic-cirkostanzi tal-kaz, il-kumpens li qieghed jigi likwidat minn din il-Qorti, *arbitrio boni viri,* favur ir-rikorrenti huwa fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000)."

**L-Appelli**

3. Ir-rikorrenti appellaw b'rikors datat 24 ta' Ottubru 2016, li permezz tieghu ressqu zewg aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi huma jhossuhom aggravati b'dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li fl-espropriju *de quo* jezisti r-rekwizit tal-interess pubbliku u wkoll fejn b'referenza ghall-esporpriji li saru fis-sena 2011, dik il-Qorti osservat li r-rikorrenti naqsu milli jikkontestaw l-iskop pubbliku quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet [il-Bord] ai termini tal-artikolu 6 tal-Kap.88 u, [2] li l-ammont ta' tal-kumpens huwa baxx.

4. Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu li s-sentenza appellata tigi riformata fid-dawl tal-aggravji taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-intimati u tal-kjamata fil-kawza.

5. L-intimati wiegbu ghall-appell tar-rikorrenti b'risposta datata 4 ta' Novembru 2016, fejn ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, qed jitolbu lill-Qorti sabiex tirrespingi l-aggravji kollha kif dedotti fir-rikors tal-appell tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti.

6. B'rikors ta' appellipprezentat fl-24 ta' Ottubru 2016, l-intimati

ressqu tliet aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi mhuwiex minnu li f'dan il-kaz gie vjolat il-principju tal-proporzjonalita` fir-relazzjoni bejn l-interessi tas-socjeta` in generali u d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` taghhom; [2] illi l-kumpens non-pekunjarju moghti mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' €25,000 huwa eccessiv u sproporzjonat u, [3] illi ghar-ragunijiet imfissra fl-ewwel zewg aggravji huma ma ghandhomx jigu ordnati jhallsu spejjez tal-kawza odjerna.

7. Ghalhekk, qed jitolbu li l-Qorti thassar limitatament is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' parti tad-decide tas-sentenza appellata, filwaqt li tikkonfermaha ghall-kumplament, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

8. Fir-risposta taghhom ipprezentata fil-15 ta' Novembru 2016 ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, qed jitolbu li din il-Qorti tichad l-appell tal-intimati, bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

9. Permezz ta' risposta ghaz-zewg appelli pprezentata fis-7 ta' Novembru 2016, l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta [kjamata fil-kawza] issottomettiet illi, ghar-ragunijiet hemmhekk spjegati, l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud filwaqt li l-appell tal-intimati jintlaqa', bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellanti.

**<u>L-Aggravji</u>**

*L-Ewwel Aggravju tar-Rikorrenti [Notifika tal-Esproprijazzjoni u l-interess*

*pubbliku]*

10. Permezz ta' dan l-aggravju r-rikorrenti qed iqajjmu zewg ilmenti konnessi ma' xulxin, kif ukoll qed jigi kontestat l-ezistenza tar-rekwizit tal-interess pubbliku: [1] li mhuwiex minnu li huma kellhom l-opportunita` li jikkontestaw l-iskop pubbliku tal-espropriju li sar fis-sena 2011, peress li meta huma kienu saru jafu bih il-perjodu statutorju ta' 21 jum sabiex jikkontestaw l-iskop pubbliku quddiem il-Bord dak it-terminu kien ilu li skada, [2] li l-emendi li saru bl-att XXI tas-sena 2009 ghall-Kap.88 huma vjolattivi tad-dritt fundamentali taghhom protett bl-artikolu konvenzjonali fuq citat. Isostnu li l-perjodu moghti sabiex jappellaw lill-Bord huwa qasir wisq u li l-metodu tan-notifika permezz tal-pubblikazzjoni tal-avviz fil-gazzetta tal-gvern huwa inadegwat; u [3] li l-element tal-interess pubbliku f'dan l-esproprju kien u ghadu nieqes.

11. Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li, minkejja li meta saru l-emendi fuq indikati r-rikors promotur tal-gudizzju odjern kien ilu li gie prezentat sa mis-sena 2006 u ghalhekk ir-rikorrenti huma gustifikati jghidu li ma setghux jattakkaw l-emendi li saru sussegwentement fis-sena 2009, il-fatt jibqa' li sa l-ghoti tas-sentenza fis-sena 2016, ir-rikorrenti kellhom hames snin sabiex fil-mori tal-proceduri iqajjmu l-ilment taghhom kemm dwar l-estent tal-perjodu sabiex jikkontestaw quddiem il-Bord ir-rekwizit tal-interess pubbliku, kif ukoll sabiex jattakkaw addirittura l-validita` ta' dawk l-emendi. Il-Qorti tosserva li fl-ebda parti tal-proceduri quddiem l-

ewwel Qorti, lanqas fin-nota estensiva ta' sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti ma ssollevaw l-ilmenti meritu tal-aggravju in ezami. Ghaldaqstant dawn il-punti li qed jitqajjmu l-ewwel darba f'dan l-appell qed jitqiesu bhala *noviter deduxit* u allura din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni m'ghandhiex tiehu konjizzjoni aktar taghhom.

12. Din il-Qorti tirribadixxi li mhux lecitu li parti tqajjem materji godda quddiem il-Qorti ta' revizjoni, kemm ghax dan ikun jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt tad-*doppio ezame* kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti formanti l-bazi tal-kontestazzjoni ikun diga` sewwa maghruf lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti.[6]

13. Rigward it-tielet parti tal-aggravju tar-rikorrenti, rigwardanti l-interess pubbliku, dawn jissottomettu [1] li x-xhieda prodotti "dejjem sostnew li ma kienu qed isiru ebda passi konkreti sabiex titwettaq il-privatizzazzjoni tal-*yacht marina*" minkejja li t-twaqqif tal-progett tal-yacht marina kien l-iskop li, skont il-gvern, ghalih sar l-esproprju tal-artijiet tar-rikorrenti; [2] li meta l-gvern ghadda sabiex jipprivatizza l-yacht marina "dan sar bil-mohbi u bil-mistur minghajr ebda sejha ghall-offerti fil-mezzi tax-xandir jew fil-Gazzetta tal-Gvern. Di fatti huma kienu saru jafu b' dan meta akkwistaw kopja tal-ftehim raggjunt minn wara l-kwinti bejn l-awtoritajiet pubblici u l-Mgarr Harbour Management

---

[6] Ara fost ohrajn *App.S 1042/2009* **Pawlu Bezzina et v. Charles Vassallo**, *deciza 11 ta' Mejju 2015*

Company Limited" u [3] li minhabba l-metodu adoperat mill-gvern sabiex jipprivatizza l-yacht marina, huma qatt ma kellhom l-opportunita` fuq bazi ugwali ma terzi ghall-akkwist tad-drittijiet li dawn l-awtoritajiet ikkoncedew lil terzi fuq art li ttiehdet [minn ghandhom] fuq 23 sena ilu u li taghha huma ghadhom sallum lanqas biss ircevew in-*notice to treat* ahseb u ara kemm ircevew kumpens ghaliha.

14. Abbazi tal-premessi sottomissjonijiet, ir-rikorrenti jsostnu li dan l-espropriju kien nieqes mill-interess pubbliku imma kien sar fl-interess ta' entitatjiet privati ben visti u dan jwassal ghall-ksur tad-dritt taghhom ta' proprjeta` skont l-artikolu konvenzjonali fuq citat.

15. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, kif konstatat mill-ewwel Qorti, mill-atti[7] jirrizulta ampjament li l-iskop tal-espropriju kien proprju sabiex titwaqqaf *yacht marina* fiz-zona fejn tinsab l-art tar-rikorrenti u ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubju dwar l-ezistenza tal-interess pubbliku fit-tehid tal-art. Inoltre, il-Qorti tosserva li l-fatt li l-progett ma bedhiex mill-ewwel u ghadda hafna zmien qabel ma beda jitwettaq ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-interess pubbliku kien u baqa' jezisti anke wara t-tehid tal-art. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-espropriju sar biss fl-interess ta' entitatjiet privati, il-Qorti tosserva li din ma iddaghjjifx il-konsiderazzjoni li jinsab provat li l-progett tal-*yacht marina*, ghalkemm mahsub biex jigi

[7] Ara fost provi ohra, depozizzjoni Margaret Falzon [fol.125 *et seq.*], affidavit Joseph Bugeja [fol.385 *et seq.*] u Raymond Stafrace [fol.131 *et seq.*]

gestit minn terzi, inholoq biex itejjeb l-ekonomija tal-pajjiz u ghalhekk sar fl-interess tas-socjeta` in generali. Sakemm jirrizulta illi l-progett sar fl-interess tal-kollettivita`, anki jekk mhux kulhadd jinteressa ruhu fih, xorta wahda jissussisti l-iskop pubbliku. Bl-istess argument, sistema ta' trasport pubbliku li tigi privatizzata ma tistax titqies nieqsa mill-interess pubbliku semplicement ghaliex huwa terz privat li jiggestiha. Sakemm l-interess u l-utilita` generali jibqghu prezenti fil-progett in kwistjoni, indipendentement minn jekk ikunx l-istat jew terz privat li jiggestiha, l-iskop pubbliku jibqa' vigenti.

16. Fir-rigward din il-Qorti tirribadixxi li[8]:

> "L-interess pubbliku hu immirat lejn il-generalita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn Awtorita` pubblika.[9] Jinghad ukoll li skop pubbliku ma jista' qatt jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess huwa dejjem privat meta m' ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadin, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra pero' il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika wkoll mill-esproprju jew ikun involut b' xi mod fit-thaddim anke jekk bi profitt ghalih, ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprijazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprijazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku.[10] L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz.[11] Dan l-iskop socjali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruhhom f'attivitajiet in dizamina.[12]

[8] Q.Kos. Gioacchino sive Jack Bugeja et vs Kummissarju tal-Art, deciza 30 Settembru 2016

[9] Q.Kos. Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali u Kazin tal-Banda Leonard – 25 ta' Mejju 2012

[10] Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari Ambjent [supra]; Q.Kos. Frendo Randon et v. Kummissarju tal-Artijiet – 10 ta' Lulju 2009

[11] Ibid

[12] Q.Kos. Philip Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali - 7 ta' Dicembru 2010

> Jinghad ukoll li mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprijata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest tal-izvilupp partikolari taz-zona.[13]
>
> "Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll tenuncja certi principji rilevanti ghad-determinazzjoni dwar l-ezistenza ta' skop pubbliku. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Vistiņš and Perepjolkins v. Latvia**[14], tal-25 ta' Ottubru 2012, osservat hekk:
>
>> '106. ……Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment is manifestly without reasonable foundation (*see Former King of Greece and Others (merits), cited above, § 87; James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 46, Series A no. 98; and Beyeler v. Italy [GC], no. 33202/96, § 112, ECHR 2000-I)*'.

17. Rigward l-ilment tar-rikorrenti li l-process tal-privatizzazzjoni sar minn wara darhom u ghalhekk huma ma kellhomx l-opportunita` li jitfghu l-offerta taghhom, din il-Qorti tosserva li d-dritt fundamentali tar-rikorrent m'huwiex li huma jinghataw il-gestjoni tal-progett, izda li huma jigu adegwatament kumpensati ghat-tehid tal-art in kwistjoni. La darba jirrizulta l-iskop pubbliku, l-espropriju huwa wiehed legali, u dak li jispetta lir-rikorrenti huwa kumpens adegwat ghat-tehid tal-art taghhom.

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju m'huwiex gustifikat u qed jigi michud.

---

[13] Q. Kos. Pawlu Cachia v. Avukat Generali et [supra]
[14] Application no. 71243/01

*It-Tieni Aggravju tar-rikorrenti, u l-Ewwel u t-Tieni Aggravju tad-Diretturi Intimati [Proporzjonalita` u Kumpens]*

19. Permezz tal-ewwel aggravju taghhom, l-intimati jissottomettu illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddecidiet li ma ntlahaqx dak il-bilanc proporzjonat mehtieg bejn l-interessi tas-socjeta` u d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` taghhom. Dik il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll konvenzjonali peress li sa llum ghadu ma giex determinat u ma thallasx lir-rikorrenti l-kumpens gust u xieraq tal-art li ttehditilhom u li giet utilizzata fil-progett kif fuq spjegat. Jghidu, li c-cirkostanzi odjerni ma holqu ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, stante li kif ben irritenient l-ewwel Qorti, m'hemmx dubju li fic-cirkostanzi odjerni l-espropjazzjoni saret skont il-ligi u fl-interess pubbliku, kif ukoll ghaliex jirrizulta mill-provi li fl-2009 l-intimati kienu effettivament iddepozitaw f'kont bankarju l-kumpens offrut, fuq liema kumpens ghadu sa llum jiddekkorri l-imghax skont l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 88.

20. Jghidu wkoll li bejn is-sena 1990 meta ttiehdet l-art, u s-sena 2009 meta l-art giet akkwistata mill-Gvern bis-sahha ta-Att XXI, jigi kkumputat imghax ulterjuri skont l-Iskeda 2 tal-Kap. 88 li tikkonsisti f'imghax bil-5% fuq il-medja bejn il-valur tal-proprjeta` fl-1990 u l-valur tal-proprjeta` fis-sena 2009. Ghalhekk il-Kap. 88 jipprovdi ghall-mekkanizmu statutorju sabiex jikkumpensa lis-sidien ta' art li giet esproprijata fl-interess

pubbliku ghad-dewmien bejn it-tehid tal-art u l-hlas tal-kumpens.

21. Ir-rikorrenti jwiegbu ghal dan l-aggravju billi jissottomettu illi s-semplici fatt li sar depozitu bankarju mill-intimati tal-kumpens offrut lilhom certament ma jistax jitqies bhala kumpens gust ghat-telfien taghhom mit-tgawdija ta' hwejjighom. Sallum l-intimati ghadhom lanqas biss nedew il-proceduri sabiex jigi stabbilit il-kumpens veru u li realment jirrispekkja l-valur tal-art mehuda minghandhom, filwaqt li offrewlhom ammont iffissat arbitrarjament u b'mod irrizorjament baxx mill-istess intimati. Jghidu li, sakemm l-intimati jaghmlu dan il-pass billi jibghatu l-hekk imsejha *notice to treat*, l-esponenti jinsabu privati minn kull rimedju u minn kull dritt ta' azzjoni sabiex jithallsu dak li huwa realment dovut lilhom; aktar u aktar meta r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda mezz sabiex juzufruwixxu mill-ammont iddepozitat f'kont bankarju li fuqu huma ma ghandhom l-ebda kontroll u li lanqas biss jafu f'liema bank jinsabu depozitati dawn il-flus, in-numru tal-kont, it-titolari ta' dan il-kont, u b'liema rata qed jithallas imghax. Effettivament ghalkemm l-intimati jghidu li "jirrizulta mill-provi in atti" li nfetah dan il-kont, fl-atti ma hemm l-ebda prova dokumentali li turi li verament jezisti dan il-kont bankarju: kien jispetta lill-intimati li, jekk verament infetah dan il-kont, jipprezentaw kopja tal-istatements bankarji relattivi.

22. Jissottomettu li huwa principju bazilari f'materja ta' drittijiet

fundamentali li r-rimedju li jinghata lic-cittadin ghandu jkun wiehed effettiv u li verament u rejalment iservi sabiex iqieghed lic-cittadin fil-qaghda li kien jokkupa qabel l-intervent da parti tal-istat li jkun cahhadlu dawk id-drittijiet.

23. Li l-istat jiddepozita flus f'kont bankarju li d-dettalji tieghu jibqghu dejjem mistura ghac-cittadin involut, u li l-kontroll tieghu jibqa' f'idejn l-istat minghajr ebda possibbilta` ghac-cittadin li juzufruwixxi minn dawk il-flus certament ma jistax jitqies li jissodisfa dan ir-rekwizit. Iktar u iktar imbaghad meta l-ammont iddepozitat f'dan il-kont ikun gie ffissat unilateralment u arbitrarjament mill-Istat minghajr ma c-cittadin jinghata xi possibbilta` li jikkontrolla u jikkontesta dak l-ammont, u f'kaz li dak l-ammont jirrizulta iktar baxx mill-valur tal-art mehuda jottjeni r-revizjoni tieghu. Sal-lum dawn il-possibbiltajiet gew negati b'mod assolut lir-rikorrenti galadarba l-process sabiex jigi stabbilit il-kumpens ghall-art li ttiehdet minghand l-esponenti ghadu lanqas biss infetah.

24. Din il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li mis-sena 1990 li fiha l-art ittiehdet materjalment mill-gvern sas-sena 2009, ma nharigtx l-avviz ghal ftehim u allura l-hlas tal-kumpens ma setghax jinbeda, u dan minkejja li fis-sena 2005 ir-rikorrenti kienu baghtu ittra ufficjali lid-Direttur tal-Artijiet sabiex issir il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lilhom. Fis-sena 2009 harget dikjarazzjoni presidenzjali fejn, ai termini tal-emendi fil-ligi li kienu

saru f'dik is-sena, gie indikat il-valur tal-art mehuda u l-ammont hemm indikat kien gie depozitat f'bank lokali, skont is-subincizi 2 u 3 tal-Artikolu 22 tal-Kap. 88, izda, minkejja dan, ir-rikorrenti baqghu ma gewx notifikati b'ittra ufficjali dwar l-ammont tal-kumpens offrut, kif irid is-subinciz 2 tal-istess artikolu, bir-rizultat li t-terminu statutorju ta' 21 gurnata li fih setghet issir applikazzjoni mir-rikorrent lill-Bord sabiex jikkontestaw l-ammont offrut ghadu ma bediex jiddekorri, u allura r-rikorrenti ma setghux jinizzjaw il-proceduri quddiem il-Bord biex jikkontestaw l-ammont. L-istess fatti japplikaw ghad-dikjarazzjoni presidenzjali li saret fis-sena 2011 relatata ma' art ohra [li skont ir-rikorrenti kienet diga` fil-pussess tal-intimati sa mis-sena 1990].

25. Fid-dawl tal-premess l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konstatazzjoni taghha li perjodu ta' 26 sena sabiex ir-rikorrenti jigu kompensati adegwatament ghall-art esproprijata huwa dewmien irragjonevoli sal-grad li jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom skont l-artikolu protokollari fuq indikat, senjatament tad-dritt li jircevu kumpens adegwat ghat-tehid tal-proprjeta` taghhom. Din il-lezjoni ghadha ssehh, stante li d-Direttur tal-Artijiet ghadu ma nnotifikax lir-rikorrenti skont is-subinciz 7 tal-Artikolu 22 bir-rizultat li l-proceduri kontemplati fis-subincizi 6 u 7 ghadhom ma jistghux jinbdew.[15]

[15] "(5) L-ammont depożitat kif provdut fis-subartikolu (3) flimkien ma' kull imgħax li jgħaddi fuqu jista' jiġi żbankat kif provdut fl-imsemmi subartikolu sew jekk is-somma depożitata bħala kumpens tkun jew ma tkunx ġiet aċċettata bħala l-ammont ta' kumpens dovut, u l-ġbid ta' dawk l-imgħaxijiet mid-depożitu ma għandux jippreġudika

26. Fir-rigward tal-fattur tad-dewmien ssir referenza ghas-sentenza **John Caruana u Peter Caruana v. Kummissarju tal-Artijiet** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn b'referenza ghal rassenja ta' gurisprudenza nostrana, gie enuncjat:

> "11. L-intimat jissottometti li l-Kap.88 ma jimponi ebda terminu fuq l-Awtorita` pubblika sabiex jipprocedi ghax-xiri tal-art li jkun esproprija bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali. Jghid ukoll li r-rikorrenti hallew jghaddi zmien twil hafna qabel ma bdew il-proceduri odjerni. Din il-Qorti tosserva li dan xorta wahda ma jnehhi xejn mill-obbligu tal-Awtorita` pubblika li wara li din tkun hadet pussess tal-art tipprocedi fi zmien ragjonevoli ghall-hlas tal-kumpens, ghax kif korrettament osservat l-ewwel Qorti , 'imur kontra kull rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna li wiehed jippretendi li din mhux biss ghandha ggor il-piz tal-esproprju, izda wkoll li sabiex l-Awtorita` pubblika toqghod mal-obbligi imposti fuqha .. jrid ikun l-istess vittma li jistitwixxi proceduri biex jigi fissat terminu li fih l-Awtorita` pubblika ghandha taqdi d-dmirijiet taghha.'
>
> "12. Dan il-hsieb huwa konformi mal-osservazzjoni maghmula mill-Qorti Ewropea fil-kawza *Victoria Vassallo v. Malta* [Appl. 57862/09, deciz 11 Ottubru 2001] fis-sens li:
>
> > 'owners could not be expected to incur the expense and burden of instituting proceedings to ensure the authorities' fulfilment of their legal obligations [see, mutatis mutandis, Apostol v Georgia, no.40765/02

---

l-jedd li persuna jkollha li tmexxi skont din l-Ordinanza għall-fini li jiġi stabbilit kull kumpens ieħor li jista' jiġi mħallas lilha skont din l-Ordinanza.

"(6) Meta l-persuna li jkollha jedd għall-kumpens ma taċċettax li l-ammont depożitat ikun wieħed adegwat, dik il-persuna tista' tagħmel rikors quddiem il-Bord sabiex jiġi stabbilit x'ikun il-kumpens skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Dak ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jindika l-kumpens li fil-fehma tar-rikorrent ikun dovut.

"(7) Dak ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata min-notifika tal-att ġudizzjarju mill-awtorità kompetenti fejn tiġi aċċettata dik il-prova skont is-subartikolu (4). Il-Bord għandu jistabbilixxi dak il-kumpens u għandu jagħti kull ordni u direttiva meħtieġa skont din l-Ordinanza."

para.64-65 ECHR 2006-XI in relation to enforcement proceedings]. Moreover, the mere fact that the Government would have been forced by means of a court decision to initiate proceedings, would not guarantee that those proceedings would thereafter be pursued with due diligence.' [para.46].

"13. Barra minn hekk fil-kawza *Deguara Caruana Gatto v. Malta*, [Appl.14796/11 deciza 9 Lulju 2013] il-Qorti Ewropea ghamlet din l-osservazzjoni relevanti:

'Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropriation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty [see Akkus v Turkey, 9 July 1997 para.29N] The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to which they are entitled. [see Aka v Turkey, 23 September 1988 para.49..][para.52].'

"14. Fil-kaz odjern jirrizulta kristallin li d-dewmien da parti tal-intimat ghall-hlas tal-kumpens huwa wiehed esagerat u irragjonevoli u huwa manifestament leziv tad-dritt tar-rikorrenti sancit fl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghall-kaz odjern japplika bis-shih dak osservat minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet *Peter Cassar Torreggiani v. Kummissarju tal-Art,* deciza fl-10 ta' Novembru 2011:

'F'kaz bhal dan fejn l-Awtorita` pubblika kompetenti naqset milli tagixxi bid-diligenza opportuna ghal zmien tant twil billi l-ewwel hadet 18-il sena biex tohrog l-Avviz ghall-Ftehim u imbaghad hadet mhux anqas minn 12-il sena ohra sabiex ipprocediet quddiem il-Bord kompetenti, ma jkunx gust li l-Awtorita` pubblika tigi ppremjata ghall-inefficjenza u ibernazzjoni taghha billi din il-Qorti tiddeklina mill-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, u anzi ssir impellenti li din il-Qorti tasserixxi dik il-gurisdizzjoni billi ssir gustizzja mal-persuna privata mill-proprjeta` taghha ghal zmien tant twil minghajr kumpens.' [para.17]

27. Fil-kaz odjern jirrizulta car li l-Awtorita` pubblika koncernata naqset milli tosserva dik id-diligenza ragjonevoli sabiex, wara li hadet l-art, tibda l-process ta' likwidazzjoni mill-aktar fis sabiex ir-rikorrenti jigu adegwatament kumpensati.

28. Rigward is-sottomissjoni tal-intimati li fis-sena 2009 [u ghalhekk 10 snin wara t-tehid tal-art] huma ddepozitaw l-ammont indikati fid-dikjarazzjoni presidenzjali f'bank lokali skont l-Artikolu 22 [3], il-Qorti tosserva li dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilita` taghhom li, ladarba r-rikorrenti riedu jikkontestaw l-ammonti hemm indikati, l-intimati kellhom isegwu l-procedura dettata mil-ligi sabiex r-rikorrenti ikunu fil-pozizzjoni li jezercitaw id-dritt taghhom li jikkontestaw l-ammonti skont il-ligi quddiem il-Bord. Inoltre, il-fatt li r-rikorrenti ma rtirawx l-ammonti depozitati, minkejja dak li jghid is-subinciz 5, ma jista' jkun ta' ebda konfort ghall-intimati gialadarba r-rikorrenti ma gewx notifikati bid-depozitu li allegatament sar mill-intimati.

29. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti, oltre r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ser taghti rimedju sabiex il-vjolazzjoni ma tibqax issehh.

30. Ghaldaqstant l-ewwel agravju tal-intimati mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

31. It-tieni aggravju tar-rikorrenti u t-tieni aggravju tal-intimati jirrigwardaw il-*quantum* tal-kumpens moghti mill-ewwel Qorti ghall-lezjoni subita u, filwaqt li r-rikorrenti huma tal-fehma li l-ammont ta'

€25,000 bhala danni non pekunarji huwa baxx wisq, l-intimati jilmentaw li dan l-ammont huwa eccessiv.

32. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-kumpens akkordat mill-ewwel Qorti irid jinqasam bejn erba' atturi differenti u ghalhekk mhuwiex sufficjenti sabiex jirrapprezenta kumpens gust lil kull wiehed mill-atturi. Inoltre, jissenjalaw li huma ilhom mcahhda mill-uzi tal-art esproprijata ghal aktar minn 26 sena u li sallum la ghad ircevew *notice to treat*, la nbeda l-process sabiex jigi stabbilit il-kumpens dovut lilhom u lanqas giet rilaxxjata favur taghhom dik il-porzjoni ta' art ta' madwar 6 itmien li ma hijiex mehtiega mill-awtoritajiet anke jekk jigi stabbilit li l-art kienet ittiehdet ghal skop pubbliku. Ir-rikorrenti jsostnu li ma huwiex tort taghhom li l-likwidazzjoni tal-kumpens ghadha ma sehhitx u li d-dewmien da parti taghhom biex jinizzjaw il-proceduri odjerni m'ghandux jahdem bhala fattur kontra taghhom, stante li huma imxew b'kawtela, qabel ma istitwew il-proceduri gudizzjarji u ghalhekk "il-perjodu ta' inazzjoni da parti [taghhom] kien ta' ftit aktar minn 15-il sena.

33. Minn naha taghhom l-intimati fissru hekk l-aggravju taghhom:

> "Illi t-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju tal-esponent, ir-rimedju moghti mill-istess Qorti fl-ammont ta' (€ 25,000) hamsa u ghoxrin elf Ewro kien fi kwalunkwe kaz, eccessiv u sproporzjonat ghall-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz meta wiehed jikkunsidra li fic-cirkostanzi odjerni, il-kumpens ghal propjeta` odjerna qieghed jigi kkalkolat a bazi tal-valur tas-suq kif kien fl-1 ta' Jannar tas-sena 2005,

u dana stante li l-karatteristici tal-kaz in ezami wasslu sabiex japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu I8A tal-Kap 88, li jistipula li meta tkun inharget Dikjarazzjoni Presidenzjali qabel il-5 ta' Marzu 2003 dwar liema propjeta` ma jkunx gie notifikat lis-sidien avviz ta' ftehim qabel l-I ta' Jannar 2005, dik il-propjeta trid tinghata l-valur tas-suq effettiv fl-1 ta' Jannar 2005. L-appellant f'dan ir-rigward jirribatti li, certament li l-valur tas-suq fl-I ta' Jannar 2005 kien ferm oghla minn dak tal-1990 u b'hekk din il-qabza fil-valur ghandha minnha nnifisha tikkumpensa t-trapass taz-zmien bejn meta l-esponent ha pussess tal-art in kwistjoni sa meta effettivament jithallas il-kumpens finali.

34. L-intimati jissottomettu li, kif dikjarat mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **Schembri and others v. Malta** l-kumpens ghandu jinhadem fuq il-valur tal-art fiz-zmien tat-tehid tal-proprjeta` li mbaghad jigi aggustat skont l-indici tal-inflazzjoni, mentri fil-kaz odjern, l-intimati qed imorru oltre minn dan u z-zieda qeghda tinhadem skont il-valur tas-suq fis-sena 2005, li ghalhekk jeccedi b'mod sostanzjali dak il-valur li kieku dan jigi realizzat b'zieda skont l-indici tal-inflazzjoni.

35. Finalment jisostnu li fil-kaz de quo dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghandu jkun rimedju sufficjenti.

36. Din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

37. Fl-ewwel lok, ghandu jkun car li l-kumpens dovut ghall-espropriju jigi kalkolat fuq il-valur tal-art esproprijata u mhux fuq in-numru tas-sidien. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti, li l-kumpens mhuwiex sufficjenti ghax irrid jinqasam bejn erba' atturi huwa legalment insostenibbli u

jirrazzenta l-fieragh.

38. Fit-tieni lok, rigward iz-zmien li hadu r-rikorrenti sabiex jipprocedu gudizzjarjament biex jasserixxu d-dritt fundamentali taghhom ghall-kumpens, din il-Qorti tirribadixxi dak li qalet fis-sentenza **Ian Peter Ellis pro et now v. Maggur Alfred Cassar Reynaud et** moghtija fis-27 ta' Jannar 2017:

> "… … … first and foremost, that domestic law does not impose a time-limit for the institution of constitutional redress proceedings. The legislator leaves the choice of timing to the applicant. Moreover, in circumstances such as those of the present case, the violation complained of is a continuing one. The Court thus finds that such reasoning is questionable in the light of the circumstances of the case and the domestic legal framework, which appears to give great latitude to individuals seeking redress for human rights violations."
>
> "32. Fid-dawl … … … tal-fatt li l-ligi domestika ma timponi ebda limitu ta' zmien li fih individwu li jkun qed isofri lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghandu jagixxi gudizzjarjament ghal rimedju, is-sottomissjoni tal-intimat Avukat Generali li l-ewwel Qorti kellha taghti aktar piz lill-fatt li r-rikorrenti hallew tul ta' zmien jghaddi sakemm iddecidew li jifthu l-proceduri odjerni, illum mhijiex legalment sostenibbli, multo magis meta bhal fil-kaz prezenti l-lezjoni ghadha ssehh."

39. Ghaldaqstant l-argument tad-dewmien da parti tar-rikorrenti li jipprocedu biex jirreklamaw dritt konvenzjonali taghhom m'ghandux jitqies bhala fattur li jimmilita kontra taghhom fil-komputazzjoni tal-kumpens, kemm jekk dan ikun pekunjarju kif ukoll jekk, bhal fil-kaz odjern ikun wiehed non-pekunjarju.

40. Fit-tielet lok, il-Qorti tosserva li l-ilment tar-rikorrenti li minkejja li dik il-parti tal-art [li huma jghidu hi tal-kejl ta' sitt itmien] li ma kinitx mehtiega ghall-progett xorta wahda ma gietx rilaxxjata huwa gustifikat u ghandu jittiehed fil-konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-kumpens anke non pekunjarju. Ladarba kien car li dik l-art ma kinitx ser tintuza ghall-iskop pubbliku, allura l-intimati kienu fid-dmir li jirrilaxxjaw dik l-art u mhux izommuha sakemm gew ordnati jirrilaxxjaw mill-ewwel Qorti.

41. Fir-raba' lok, rigward it-tieni aggravju tal-intimati li l-valur tal-art kien gie stmat skont il-valur tal-proprjeta` fis-sena 2005 u mhux fis-sena 1990 meta sar it-tehid taghha, din il-Qorti tosserva li dan l-ilment ghandu relevanza ghall-komputazzjoni tal-kumpens pekunjarju u mhux ghal kaz prezenti fejn l-ewwel Qorti akkordat kumpens non pekunjarju filwaqt li halliet impregudikat il-kumpens pekunjarju sabiex dan jigi deciz mill-Bord skont il-ligi.

42. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, u fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li l-kumpens ta' €25,000 bhala danni non pekunjarji huwa gust u xieraq u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti fir-rigward.

43. Ghaldaqstant it-tieni aggravju tar-rikorrenti u t-tieni aggravju tal-

intimati qed jitqiesu mhux gustifikati u qed jigu michuda.

*It-Tielet Aggravju tal-intimati [l-Ispejjez].*

44. Dan jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-intiimat m'ghandhomx ibatu spejjez tal-kawza stante li fil-kaz odjern ma jikkonfigura l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

45. Ir-rikorrenti jilqghu ghal dan l-appell billi jghidu illi jekk din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-intimati appellanti hija ghandha tikkundannahom ihallsu l-ispejjez kollha ta' din l-istanza. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez fil-prim'istanza jghidu li, anki fid-dawl tal-appell interpost mill-esponenti infushom kontra s-sentenza tal-ewwel Qorti, dawn ghandhom jigi addossati kollha lill-intimati appellanti.

46. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt li din il-Qorti bhal l-ewwel Qorti irravvizat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti, l-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appelli odjerni ser jigu decizi skont ir-rispettiv telf u rebh.

47. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies bhala mhux gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell tar-rikorrenti u l-appell tal-intimati, u tordna li fiz-zmien xahrejn mid-data tal-gudizzju odjern l-intimati jsegwu l-procedura kontemplata fl-Artikolu 22 [7] tal-Kap. 88 sabiex ir-rikorrenti jkunu fil-pozizzjoni li jikkontestaw l-ammonti offrut lilhom bhala kumpens ghall-espropriju tal-art taghhom u, fin-nuqqas li dan isir, tibda tiddekorri penali kontra l-intimati ta' mitt euro [€100] kuljum pagabbli lir-rikorrenti.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li kull parti tbati l-ispejjez relatati mal-appell taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df